MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KEVIN MOMPALAO**

Seduta ta' l-4 ta' Lulju, 2012

Talba Numru. 8/2012

**L-Avukat Dr. Richard Sladden**

**Vs**

**Joseph Galea**

**It-Tribunal:-**

Ra l-avviz li permezz tieghu l-attur talab lill-konvenut jigi mhallas is-somma ta’ elf, mitejn u wiehed u ghoxrin ewro u hamsa u hamsin centezmu (€1221.55) rapprezentanti dritt, spejjez u VAT, liema dritt gie debitament intaxxat lilu mir-Registratur tal-Qorti bhala perit legali li kien gie nominat fil-kawza li kellu l-konvenut kontra terzi fil-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet Joseph Galea vs Dr. Tonio Azzoppardi et noe (Citaz Nru.745/02). Dan bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali numru wiehed u ghoxrin (21) tas-sena elfejn u hdax (2011), tad-disgha (9) ta’ Marzu ta’

l-elfejn u hdax (2011) li saret fit-terminu ta' l-artikolu1668 tal-Kap tnax (12).

Ra r-risposta tal-konvenut li permezz taghha l-konvenut irrisponda illi dan it-Tribunal ghandu jichad din it-talba stante li mhix pruvata u li in oltre jichad li huwa qatt accetta jew intrabat li jhallas l-ammont pretiz.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Ra n-nota ta' l-attur tat-tlieta (3) ta' April tas-sena elfejn u tnax (2012).

Ra d-digrieti kollha tieghu.

Sema x-xhieda u ra d-dokumenti esebiti.

Ra l-atti tal-process Citaz Nru. 745/02 li gie allegat fuq l-atti odjerni.

Ra d-digriet tat-tnax (12) ta' Gunju tas-sena elfejn u tnax (2012) li permezz tieghu din il-kawza giet diferita ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ikkunsidra.

Illi f'din il-kawza l-attur qieghed jitlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallas dritt illi gie intaxxat lilu bhala l-perit legali fil-kawza Dr. Joseph Giglio noe. vs Dr. Tonio Azzopardi et noe. Jidher mit-taxxa esebita a fol. tletin (30) tal-process liema taxxa tirrizulta wkoll mill-atti processwali tal-kawza imsemmija, illi dan id-dritt gie debitament intaxxat mir-Registratur tal-Qorti fis-sitta (6) ta' Gunju tas-sena elfejn u tmienja (2008).

Qabel xejn it-Tribunal qieghed ex officcio jordna l-korrezzjoni fl-avviz tat-talaba fis-sens illi fejn il-kawza li minnha nibet l-avviz odjern hija indikata bhala 'Joseph Galea vs Dr. Tonio Azzopardi noe'; din tigi ndikata bhala Dr. Joseph Giglio noe vs Dr. Tonio Azzopardi noe. Jidher illi dan huwa lapsus calami u mhux zball li l-korrezzjoni

tieghu ser tbiddel is-sustanza tal-azzjoni, ghalhekk it-Tribunal ihoss li ghal korrettezza u precizjoni, ghandu jordna l-korrezzjoni tieghu f’dan l-istadju.

Qabel ma’ jidhol fil-mertu, dan it-Tribunal ihoss illi ghandu jissolleva punt legali li fil-fehma tieghu jservi ta’ ostakolu sabiex tirnexxi l-kawza odjerna. L-artikolu 253 (c) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta jghid illi “*Huma titoli esekuttivi; taxxi ta’ drittijiet u spejjez gudizzjarji mahruga favur ta’ avukat u prokuratur legali, nutar pubbliku, perit jew perit iehor imqabbad mill-Qorti jew xhud meta dawn it-taxxi ma’ jigux inghatati skond il-ligi.”* In oltre l-Artikolu 256 (2) jghid illi l-ezekuzzjoni ta’ dawn it-titoli ezekuttivi ghandha ssir wara jumejn ghal inqas min-notifika ta’ sejha ghall-hlas maghmula b’att gudizzjarju. It-test Ingliz ta’ l-istess ligi jitraduci ‘perit iehor imqabbad mill-Qorti’ bhala “judicial referee” nkorporanti ghalhekk kull perit inkluz dak legali, nominat mill-Qorti. Ghaldaqstant ma’ hemm l-ebda dubju illi l-ligi taghti lill-perit legali b’titolu ezekuttiv kif appena dan ikollu t-taxxa ufficjali mahruga f’idejh. L-uniku att li jkun mistenni minn dan il-perit legali sabiex jinforza dak it-titolu ezekuttiv huwa att gudizzjarju (normalment ittra ufficjali) fejn jigi domandat il-hlas.

Illi fil-kaz odjern dan it-Tribunal jemmen illi Dr. Richard Sladden kellu diga f’idejh titolu ezekuttiv u ghaldaqstant la kellu bzonn la jaghmel l-ittra ufficjali ai termini ta’ l-Artikolu 166 A tal-Kap 12 u wisq anqas jipprocedi permezz ta’ kawza. L-atti li ghamel l-attur ma kienux semplicament domanda ghall-hlas, izda atti gudizzjarju li jinsitgaw process illi bhala rizultat igib titolu ezekuttiv. Fil-fatt jigi osservat illi la dik l-ittra ufficjali u lanqas din il-kawza ma’ kienu ser igibulu xi rizultat aktar vantaggjuz milli diga ghandu.

Illi f’tali sitwazzjoni jista jinghad illi ghaldaqstant l-attur ma’ kellu l-ebda interess necessarju li jippromwovi din il-kawza. It-Tribunal ma jaqbilx ma’ l-argumenti prezentati fin-nota tat-tlieta (3) ta’ April ta’ l-elfejn u tnax (2012) fejn l-attur sostna illi ma kien hemm xejn xi jzommu milli jaghmel din il-kawza. Huwa minnu illi ma kien hemm xejn xi jzommu milli jaghmel din il-kawza izda min naha l-ohra

t-Tribunal ma jistax jakkolji talba li ma' fija l-ebda utilita. L-utilita li bniedem jaghmel kawza biex jigi kkonfermat kreditur huwa sabiex jottjeni titolu ezekuttiv, meta ma ghandux izda f'dan il-kaz l-attur diga kien igawdi titolu ezekuttiv.

Huwa minnu li fil-process odjern il-konvenut ma ssollevax din l-eccezzjoni. Izda din l-eccezzjoni tista wkoll titqajjem mit-Tribunal ex officio. Ara f'dan ir-rigward **Kevin Chirchop vs Joseph Chirchop** (deciza fl-1 ta' Dicembru 2006 mill-Qorti ta' l-Appell) fejn gie wkoll ikkonfermat li eccezzjoni ta' din ix-xorta tista wkoll titqajjem waqt li l-proceduri jkunu pendenti quddiem il-Qorti ta' l-Appell.

Kif ikkonfermat mill-gurisprudenza "*Biex wiehed jipproponi domanda ghal-gudizzju, kif ukoll imantnija, hemm bzonn li jkollu interess fija jigifieri hemm bzonn illi d-domanda ggiblu rizultat utli u vantagguz"* **(Beatrici Manche noe vs Maria Montebello**, Appell Civili., 13 ta' Frar 1953), "*B'mod li jekk l-azzjoni ma' twassalx biex tipproduci tali rizultat ghal min jipproponija dik l-azzjoni ma' tistax tregi*". (**Guzeppe Camileri et vs Guzeppe Sammut et, Prim Awla Qorti Civili, 7 ta' Jannar 1953)** u jekk ir-rizultat minn sentenza ma jkunx jista jigi uzufruwit, l-azzjoni ma' tistax tigi proposta. (**Mikelangelo Bond vs Carmelo Mangion et, Appell Civili, 27 ta Mejju 1991 ; Albert Callejja vs Orazio Micallef, Appell Civili, 1 ta' April 1992).**

Fil-kaz odjern kull ma' kien mistenni mill-attur huwa illi jaghmel talba permezz ta' ittra ufficjali sabiex jithallas dan it-titolu ezekuttiv, ma' jistax jinghad illi l-attur verament kellu interess guridiku f'din il-kawza. L-attur jghid illi huwa propona din il-kawza peress illi prezenta l-ittra ufficjali ai termini ta' l-artikolu 166 A, din giet opposta permezz tal-preskrizzjoni u ghaldaqstant huwa ghamel din il-kawza sabiex jaqta kull dubju dwar il-preskrizzjoni. Izda minghajr ma' jidhol fl-eccezzjoni tal-preskrizzjoni illi lanqas qatt ma' giet sollevata f'dawn il-proceduri u li allura dan it-Tribunal huwa prekluz milli jidhol fija, t-Tribunal ihoss illi ghandu jikkummenta illi l-kreditu pretiz ossia d-dritt ufficjali ghal perit legali ma' jissemmiex fil-preskrizzjonijet brevi,

specifikament fost dawk l-azzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 2149 (c) tal-Kap 16 tal-Ligjiiet ta' Malta. In oltre bhala titolu ezekuttiv, igawdi skond il-ligi perjodu ta' preskrizzjoni ferm aktar twil u mhux wahda mill-preskrizzjonjiet brevi. (**Ara Charles Sant Fournier vs Paul Muscat deciza fil-15 ta' Dicembru 1951 u John Apap vs PL. Paulo Portelli noe' deciza fit-30 ta' Novembru 1928)**. L-attur supost jaf dan kollu.

Fid-dawl ta' dan kollu dan it-Tribunal ma jarax l-utitlita ta' din l-azzjoni fejn l-attur qabel din il-kawza kien igawdi d-dritt ezekuttiv li jithallas tad-dritt tieghu bhala perit legali, liema dritt seta' jesegwieh billi sempliciment jaghmel it-talba tieghu ghall-hlas permezz ta' att gudizzjarju u wara jumejn jghaddi ghal ezekuzzjoni ta' dak it-titolu skond il-ligi.

Illi dwar l-ispejjez dan it-Tribunal ma jistax ma jinnotax nuqqas ta' kooperazzjoni ta' Joseph Galea illi flok ma' qabad hallas dak dovut minnu, ghamel ostakoli kemm felah, liema ostakoli Joseph Galea prova jaghmel anke quddiem it-Tribunal billi prova jtawwal l-andament ta' din il-kawza billi ma jidhirx ghas-seduti li kellu quddiemu u lanqas gab provi fis-seduta li fija kellu jaghmel dan.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta u jiddeciedi in il-kawza billi ghar-ragunijiet fuq esposti jichad it-talbiet ta' l-attur. Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------